



EUROPEAN MEDICINES AGENCY

SCIENCE MEDICINES HEALTH

EMA/482551/2023
EMEA/H/C/005731

Aqumeldi (*enalapril*)

Ħarsa ġenerali lejn Aqumeldi u għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

X'inhu Aqumeldi u **għal** xiex **jintuża?**

Aqumeldi jintuża fit-tfal u l-adolexxenti mit-twelid sal-etià ta' 17-il sena għat-trattament ta' insuffiċjenza kardijaka (meta l-qalb ma tkunx kapaċi tippompja bieżżejjed demm madwar il-ġisem).

Aqumeldi fih is-sustanza attiva enalapril u huwa "mediċina ibrida". Dan ifisser li huwa simili għal mediċina ta' referenza awtorizzata li fiha l-istess sustanza attiva, iżda hemm ċerti differenzi bejn it-tnejn. Aqumeldi jiġi f'doża aktar baxxa mill-mediċina ta' referenza tiegħi, Renitec, u f'forma differenti li hija xierqa għat-trattamento.

Kif **jintuża** Aqumeldi?

Il-mediċina tista' tinkiseb biss b'rċetta ta' tabib u t-trattament għandu jinbeda minn tabib b'esperjenza fit-trattament ta' tfal b'insuffiċjenza tal-qalb.

Aqumeldi jittieħed kuljum. Jiġi bħala pilloli li jinħallu fil-ħalq (pilloli orodispersibbli).

Għal iktar informazzjoni dwar l-użu ta' Aqumeldi, ara l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja l-it-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Kif **jaħdem** Aqumeldi?

Aqumeldi jappartjeni għal grupp ta' mediciċi msejħha inibituri tal-enzima li tikkonverti l-angiotensin (ACE). Il-mediċina timblokk ACE milli jifformi l-ormon angiotensin II, li huwa involut fiż-żieda tal-pressjoni tad-demm. Billi jimblokka l-formazzjoni tal-angiotensin II, Aqumeldi jgħin biex inaqqsas il-pressjoni tad-demm u jżid il-provvista tad-demm u tal-ossiġenu fil-qalb.

X'inhuma **I-benefiċċji** ta' Aqumeldi li **ħarġu** mill-istudji?

Il-kumpanija pprovdiet ir-riżultati minn tliet studji li eżaminaw kif Aqumeldi mogħti f'dożi differenti jgħi rruħu fil-ġisem. Studju minnhom sar fuq aduli b'saħħithom. Saru żewġ studji fi tfal mit-twelid sal-etià ta' 17-il sena b'insuffiċjenza tal-qalb, ikkawżata jew minn kardjomijopatija dilatata jew mard tal-qalb konġenitali, żewġ tipi ta' kundizzjonijiet tal-qalb.

Official address Domenico Scarlattilaan 6 • 1083 HS Amsterdam • The Netherlands

Address for visits and deliveries Refer to www.ema.europa.eu/how-to-find-us

Send us a question Go to www.ema.europa.eu/contact Telephone +31 (0)88 781 6000

An agency of the European Union



Dawn l-istudji wrew li t-trattament b'Aqumeldi fit-tfal iwassal għal livelli simili ta' enalapril għal dawk miksuba bi trattament b'enalapril awtorizzat fl-adulti. Għalhekk, Aqumeldi huwa mistenni li jkun effettiv b'mod simili fit-trattament ta' insuffiċjenza tal-qalb fit-tfal u fl-adulti.

Il-kumpanija pprovdiet ukoll informazzjoni mil-letteratura ppubblikata dwar il-benefiċċi u r-riskji tal-enalapril meta tintuża [mhux skont it-tikketta](#) fi tfal b'insuffiċjenza tal-qalb.

X'inhuma r-riskji **assoċjati** ma' Aqumeldi?

Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji u r-restrizzjonijiet b'Aqumeldi, ara l-fuljett ta' tagħrif.

L-effetti sekondarji l-aktar komuni b'Aqumeldi (li jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 10) jinkludu soġħla, rimettar, mikroalbuminurja (livelli baxxi tal-albumina tal-proteina fl-urina), iperkalimja (livelli għoljin ta' potassium fid-demm), ipotensjoni (pressjoni tad-demm baxxa), u sturdament posturali (sturdament meta wieħed joqgħod bilwieqfa).

Aqumeldi ma għandux jintuża minn persuni li jistgħu jkunu ipersensittivi (allerġiċi) għal enalapril, għal kwalunkwe inibitur ieħor ACE jew għal kwalunkwe wieħed mill-ingredjenti l-oħra ta' Aqumeldi (li huma elenkti fil-fuljett ta' tagħrif). Lanqas ma għandu jintuża f'persuni li kellhom anġjoedima (nefħa rapida taħt il-ġilda) assoċjata ma' terapija preċedenti ta' inibitura ACE u f'pazjenti b'anġjoedima ereditarja jew idjopatika (meta l-kawża ma tkunx magħrufa). Aqumeldi ma għandux jintuża matul it-tieni u t-tielet trimestri tat-tqala.

Il-pazjenti bid-dijabete jew bi problemi fil-kliewi ma għandhomx jużaw Aqumeldi flimkien ma' mediciċini li fihom aliskiren (li jintużaw biex jittrattaw l-ipertensjoni essenzjali [pressjoni tad-demm għolja ta' kawża mhux magħrufa]).

Aqumeldi lanqas ma għandu jintuża flimkien ma' mediciċini li fihom sacubitrl u valsartan (mediciċini oħra għal insuffiċjenza tal-qalb) minħabba ż-żieda fir-riskju ta' anġjoedima. Aqumeldi m'għandux jingħata fi żmien 36 siegħa minn meta wieħed jaqleb għal jew minn dawn il-mediciċini.

Fl-aħħar nett, Aqumeldi ma għandux jintuża f'persuni bi problemi serji fil-kliewi.

Għaliex Aqumeldi **ġie** awtorizzat fl-UE?

L-enalapril hija awtorizzata għat-trattament ta' insuffiċjenza tal-qalb fl-adulti u hija mistenni li taħdem bl-istess mod fl-adulti u fit-tfal. Abbażi ta' studji li saru f'adulti b'saħħiethom u tfal b'insuffiċjenza tal-qalb, kif ukoll data mid-dokumentazzjoni ppubblikata dwar l-użu mhux skont it-tikketta ta' enalapril fi tfal b'insuffiċjenza tal-qalb, Aqumeldi huwa mistenni li jkun effettiv fit-trattament ta' insuffiċjenza tal-qalb fit-tfal mit-tweliż sa 17-il sena. F'termini ta' sigurtà, Aqumeldi ntwerha li kien ittollerat tajjeb, għalkemm id-data fi trabi taħt l-età ta' xahar kienet limitata.

L-Aġenzijsa Ewropea għall-Mediciċini ddeċidiet li l-benefiċċi ta' Aqumeldi huma akbar mir-riskji tiegħu u li jista' jiġi awtorizzat għall-użu fl-UE.

X'miżuri qegħdin jittieħdu biex **jiġi żgurat l-użu** sur u effettiv ta' Aqumeldi?

Fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġew inklużi r-rakkmandazzjoni li jidher i-ġażżeen. I-prekawzjoni li għandhom ikunu segwiti mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u mill-pazjenti għall-użu sur u effettiv ta' Aqumeldi.

Bħal fil-każ tal-mediċini kollha, id-data dwar l-użu ta' Aqumeldi hija ssorveljata kontinwament. L-effetti sekondarji ssuspettati rrapportati b'Aqumeldi huma evalwati bir-reqqa u kull azzjoni meħtieġa hi meħuda biex tiproteġi lill-pazjenti.

Informazzjoni **oħra** dwar Aqumeldi

Aktar informazzjoni dwar Aqumeldi tinstab fis-sit web tal-Aġenzija:
ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/aqumeldi.